**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

**MAĠISTRAT**

**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**

***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***

***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Kumpilazzjoni numru: 656/2018 CFF**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Lydon Zammit)**

**(Spettur Sarah Zerafa)**

**vs**

**Tony Zammit**

**Illum 16 ta' Jannar 2025**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra:

Tony Zammit ta' 40 sena, iben Frank u Gracie nee' Galdes, imwieled Australia nhar it-13 ta' Ottubru 1978, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 158192M u residenti ġewwa Binja Minżel Block 3, Flat 20, Triq Ġużi Abela, Żejtun,

Akkużat talli

1. Talli fit-13 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta ta' bejn l-għaxra u nofs ta' fil-għodu, ġewwa Triq Misraħ il-Barrieri Santa Venera ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Abela ta' 72 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-valur;

2. Talli fit-12 ta' Ottubru 2018 għal-ħabta ta' il-ħdax u nofs ta' fil-għodu, ġewwa Triq il-Kbira San Ġużepp Ħamrun ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Maria Pace ta' 84 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-valur;

3. Talli fil-11 ta' Ottubru 2018 għal-ħabta ta' l-għaxra neqsin kwart ta' filgħodu, ġewwa Vjal de La Cruz Qormi ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Dolores Ciantar ta' 80 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-valur;

4. Talli fil-11 ta' Ottubru 2018 għal-ħabta tad-disgħa neqsin kwart ta' filgħodu, ġewwa Triq San Ġużepp Pieta' ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Beatrice Fenech ta' 82 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-valur;

5. Talli fil-10 ta' Ottubru 2018 għal-ħanta ta' tmienja neqsin kwart ta' filgħodu ġewwa Pjazza San Alwiġi Birkirkara ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Georgia Micallef ta' 62 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-valur;

6. Talli fit-8 ta' Ottubru 2018 għal-ħabta tas-siegħa u kwart ta' wara nofs in-nhar ġewwa Triq San Karlu Ħaxaq ikkommetta serq ta' ġiżirana minn fuq il-persuna ta' Dorotea Cuschieri ta' 81 sena li hija persuna anzjana;

7. Talli fit-8 ta’ Ottubru 2018 għal-ħabta tad-disgħa ta’ filgħodu, ġewwa Triq Santa Marija Tarxien ikkommetta serq ta’ ġiżirana minn fuq il-persuna ta’ Maria Elena Lughermo ta’ 66 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-valur;

8. Talli fl-4 ta’ Ottubru 2018 għal-ħabta tat-tmienja ta’ filgħodu, ġewwa Triq San Ġorġ Luqa ikkommetta serq ta’ ġiżirana minn fuq il-persuna ta’ Mary Callus ta’ 67 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-valur;

9. Talli fl-4 ta’ Ottubru 2018 għal-ħabta tas-sebgħa u kwart ta’ filgħodu ġewwa Triq Ġuze’ D’Amato Paola, ikkommetta serq ta ġiżirana minn fuq il-persuna ta’ Mary Cassar ta’ 75 sena li hija persuna anzjana liema serq huwa aggravat bil-valur;

10. U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lok u ċirkostanzi irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta

Il-Qorti hija ġentilment mitluba biex f’każ ta’ ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta’ spejjeż li jkollhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta għas-sigurtà ta’ Joseph Zerafa din il-persuna hawn fuq indikata.

Rat li l-Ufficjali Prosekuturi qraw u kkonfermaw bil-ġurament l-akkuzi fil-konfront ta’ l-imputat fis-seduta datata t-25 ta’ Ottubru 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni;

Rat in-nota tar-Rinviju għall-ġudizzju tal-Avukat Ġenerali datata l-erbatax (14) ta’ Novembru tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:

1. 1. Fl-artikoli 261, 267, 279 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

2. Fl-artikoli 257D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386, 412C u 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Fl-artikoli 17, 31, 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li fil-verbal tal-5 ta' Ottubru 2020, il-Qorti qrat l-artikoli fejn l-imputat wieġeb li huwa m'għandhux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jinstema' bi proċedura sommarja u deċiż minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat ma tellax provi;

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri), datata 7 ta' Novembru 2023 meta iddeċiediet is-segwenti wara li kien sar appell mis-sentenza fil-konfront ta' l-imputat odjern quddiem din il-Qorti diversament preseduta, fejn qalet hekk;

*"Għal dawn il-motivi, il-Qorti qegħda ex officio tirrevoka s-sentenza appellata u, biex ma tipprivax lill-partijiet mill-benefiċċju tad-doppio esame, qed tirrinvijja l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali biex l-appellant jerġa' jitpoġġa fil-pożizzjoni li kien immedjatament qabel ma ġiet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terġa' tingħata sentenza mill-ġdid skond il-liġi."*

Rat li l-atti ġew assenjati lilha skond digriet tal-Prim Imħallef ai termini ta' l-Artikolu 11(9) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 520 (1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti tal-kaz kienu li kien hemm serje ta' serqiet li twettqu fuq medda ta' jiem fħOttubru 2018 kollha bl-istess metodu u cioe' serq ta' ġiżirajjen tad-deheb bħala *snatch and grab* fejn l-agressur javviċina lill-vittma u jaħtaf ġiżirana minn fuq għonqha. Il-vittmi huma kollha anzjani u dawn is-serqiet saru minn diversi partijiet madwar Malta mhux kollha fl-istess lokalita'. Mill-investigazzjonijiet illi saru, fosthom minn filmati maħudin bis-CCTV cameras, u mid-deskrizzjoni kif mogħtija fl-okkorrenzi il-vittmi jagħtu

deskrizzjoni ta' l-agressur inkluż il-ħwejjeġ li liebes u fil-fatt il-Pulizija anke mill-vettura li kien qed isuq l-aggressur jaslu għall-identifikazzjoni ta' l-imputat Tony Zammit.

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti jekk fiċ-ċirkostanzi kollha tistax tasal għal konklużjoni li kien l-imputat jew le tagħmel referenza għas-Sentenza mogħtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-5 ta' Diċembru, 1997*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Peter Ebejer**, fejn dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubbju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, jkun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti iċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ ***Miller v Minister of Pension*** - 1974 - ALL Er 372 tal-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.'

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence. 'of course, it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice."*

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lil imputat huma veri u dan għaliex kif jirritjeni l-**Manzini** fil-ktieb tiegħu ***Diritto Penale Vol III Kap IV pagna 234, Edizione 1890***:-

> *"il cosi' detto onero della prova, cioe' il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit".*

Illi għalhekk din il-Qorti trid tifli wkoll provi oħrajn sabiex tkun tista' tasal għal konklużjoni. Illi tajjeb li ssir analiżi ta' xi ġurisprudenza f'pajjiżna li daħlu fl-analiżi tal-prova ċirkostanzjali u senjatament spjegaw l-analiżi li hija mistennija mill-Qorti li tkun qed tiġġudika sabiex jiġi stabbilit jekk il-provi ċirkostanzjali humiex univoċi. Kif ġie deċiż

fl-ismijiet r-*Repubblika ta' Malta v George Spiteri* deċiża mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (05.07.2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

> *'L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.*

Fil-każ fl-ismijiet *Pulizija vs Paul Grech* deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' April tas-sena elfejn u wieħed (06.04.2001) intqal illi:

> *'l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

Anki fil-każ *Pulizija vs James Abela* deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-ħdax ta' Lulju elfejn u tnejn (11.07.2002) ġie ddikjarat illi:

> *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun*

*moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin'.*

Illi anki fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri fl-ismijiet *ir-Repubblika ta' Malta vs Angel sive Angelo Bajada* datata l-15 ta' Mejju tas-sena 2009 ġie ddikjarat illi:

*'L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu għall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-ħtija tiegħu. L-indizji, biex jagħmlu prova, jeħtieg li jkunu univoci'.*

Ħarsa wkoll dak li jgħid il-ġurista Ingliż, C.B. Pollock fl-interpretazzjoni tal-apprezzament tal-prova ċirkostanzjali u t-tifsira tal-univoċita' tagħha qal hekk:

*'It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus, it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of... (Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice).'*

Kwantu wkoll għal evidenza diretta jew ċirkostanzjali, ingħad hekk mill-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha datata 25 ta' Frar 2020 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Massimo Chircop*

*"....l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhux giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza*

*tkun ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita'."*

**L-Ewwel Imputazzjoni**

Maria Abela, anzjana tgħid li meta kienet sejra taqsam it-triq fil-kantuniera ġewwa Santa Venera, ġie raġel liebes tracksuit griża u hood fuq rasu u ħatfilha biċċa mill-ġiżirana li kellha m'għonqha, hi tgħid li tatu daqqa ta' umbrella u qalilha terġa' tiegħu lura din il-biċċa ġiżirana iżda minflok tahielha lura, ħatfilha l-parti l-oħra li kienet għadha ma' għonqha. Hi tgħid li din il-ġizirana kienet mogħtija lilha bħala rigal ħadna zmien ilu u dak iż-żmien kienet tiswa' mitejn u ħamsin Ewro (€250).

PS 827 Edward Grech qal li rċieva rapport mingħand Maria Abela dwar is-serqa datata 13 ta' Ottubu 2018 u kien mar magħha fejn sar ir-reat biex jiġu elevati xi filmati fl-inħawi.

PS 1337 Kevin Curmi jgħid li rigward din is-serqa kienet daħlet telefonata anonima minn persuna li qalet li waqt li kienet għaddeja mit-triq rat is-serqa sseħħ u rat l-aggressur li kien liebes tracksuit griża u hood, jiġri lejn vettura bin0numru ta' reġistrazzjoni BAO 052 ta' lewn griż li kienet qed tistenna ġewwa Triq l-Erbgħa ta' Settembru u jirkeb fiha biex jitlaq. Ix-xhud qal ukoll li din l-istess vettura tidher fil-filmat li ġie elevat mill-Pulizija u li fih tidher persuna liebsa l-istess ħwejjeġ, u cioe' tracksuit, u hod kif ukoll il-vettura bl-istess numru rapportat. Kompla jixhed illi dik il-ġurnata stess għall-ħabta ta' l-istress ħin tas-serqa li twettqet fuq il-persuna ta' Maria Abela deher l-imputat fil-cameras taċ-Ċentru tad-Detox.

Fuq skorta ta' din l-evidenza kollha, li direttament tallaċċja lill-imputat bħala l-aggressur, din l-imputazzjoni ġiet ippruvata.

**It-tieni imputazzjoni**

Maria Pace tixhed li għamlet rapport lill-Pulizija dwar is-serq tal-ġiżirana tagħha bid-domna, meta kienet il-Hamrun u tgħid li xagħarha kien mgħolli ġiet persuna minn warajha ħadilha l-ġiżirana u telqet tiġri.

Hawn il-Qorti m’għandha l-ebda deskrizzjoni oħra li tista’ tallaċċja direttament ma’ l-imputata, lanqas inġabru xi CCTVs li jistgħu forsi jagħti iktar konnessjoni ma’ l-imputat u fin-nuqqas tal-fatt li l-imputata ma setgħetx tagħraf lill-imputat u f’nuqqas ta’ aktar deskrizzjoni jew prova ċirkostanzjali oħra, din l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata.

**It-tielet imputazzjoni**

Dolores Ciantar anzjana, tgħid li kienet qegħda Ħal-Qormi għall-ħabta tad-9:30am u ġie raġel jiġri fuq il-bankina minn faċċata tagħha, lienes flokk isfar u shorts u qalilha bonġu. Huwa ħatfilha l-ġiżirana u telaq jiġri. Ix-xhud fissret li dak il-ħin hija ħadet qatgħa kbira u kienet taħt xokk izda għarrfet lill-imputat minn fuq il-filmat.

Is-Surġent 1337 Kevin Curmi jgħid li huwa eleva s-CCTVs minn Triq San Bastjan Ħal Qormi li minnhom jidher vettura griża bin-numru ta’ reġistrazzjoni BAO 052 tipparkja fit-triq u minnha toħroġ persuna liebsa bermuda iswed, flok ta’ lewn mustard u slipper iswed, u l-istess persuna tidher miexja fid-direzzjoni ta’ Triq l-Arkata u wara ftit tmur ġo Triq San Bastjan fejn tirkeb l-istess vettura u titlaq. Skond kif xehed Stephen Cachia minn Transport Malta, din il-vettura hija reġistrata fuq l-imputat Tony Zammit bil-karta ta’ l-identita’ numru 158192M. Is-Surġent Curmi għaraf lill-imputat bħala l-persuna li tidher fil-filmati u jgħid ukoll li fl-istess ġurnata li twettqet din is-serqa u cioe tal-11 ta’ Ottubru 2018 ftit qabel jidher l-istess imputat mill-cameras tas-CCTV taċ-Ċentru tad-Detox, Pieta’ liebes il-ħwejjeġ u cioe’ bermuda iswed, flokk mustard u slipper iswed.

Fuq skorta ta’ din l-evidenza kollha, li direttament tallaċċja lill-imputat bħala l-aggressur, din l-imputazzjoni ġiet ippruvata bin-nuqqas tal-valur stante li l-vittma ma tatx valur ta’ l-oġġett misruq lilha.

**Ir-raba’ imputazzjoni**

Beatrice Fenech, anzjana, tgħid li kellha tagħmel rapport minħabba li fil-11 ta’ Ottubru 2018 insterqet salib li kien imdendel mal-ġiżirana tagħha. Hija tgħid li waqt li kienet miexja fi Triq San Ġużepp Pieta’ ġie raġel, qalilha bonġu u fil-pront ħatfilha s-salib u ħarab jiġri fid-direzzjoni lejn St. Luke’s.

Is-Surġent Kevin Curmi jgħid li dwar dan huwa kien eleva filmat minn Triq San Ġużepp u fil-ħin li indikat il-vittma tidher persuna liebsa flokk ta’ lewn mustard u bermuda iswed

bil-bwiet sofor bin-numru 76, liema bermuda ġie ezebit fl-attiu anke l-flokk. Huwa jgħid li mill-filmati tad-detox meħuda ftit qabel ma seħħet is-serqa tal-Pieta’ jidher l-imputat dieħel għall-mediċina u kien liebes l-istess flokk u bermuda.

Fuq skorta ta’ din l-evidenza kollha, li direttament tallaċċja lill-imputat bħala l-aggressur, din l-imputazzjoni ġiet ippruvata bin-nuqqas tal-valur stante li l-vittma ma tatx valur ta’ l-oġġett misruq lilha.

**Il-ħames imputazzjoni**

Georgia Micallef, anzjana, tgħid li hija kienet qed titkellem fuq il-mobile phone fi Pjazza San Alwiġi, Birkirkara għall-ħabta tat-8am meta rat raġel twil jiġri liebes shorts u flokk, u f’daqqa u l-ħin ħatfitilha l-ġiżirana tad-deheb isfar li kellha ma’ għonqha, hija waqgħet u weġġgħet irkoppitha. Hija tgħid li l-ġiżirana ilha għandha madwar tnejn u tletin sena u marret tixtri oħra simili tagħha għall-valur ta’ ħames mitt Ewro (€500).

Is-surġent Kevin Curmi jgħid li l-vittma indikatlu t-triq fejn mar jiġri l-aggressur bħala Triq Santa Tereża Birkirkara u minn filmat li huwa eleva minn fuq il-post għaraf lill-impuat Tony Zammit liebes flokk griż u shorts iswed u slipper iswed bil-qiegħ abjad, l-istess ħwejjeġ li kien liebes l-imputat fl-istess ġurnata fl-10 ta’ Ottubru 2018 fejn għall-ħabta tat-8.30am l-imputat jidher dieħel fiċ-Ċentru tad-Detox għall-kura bl-istess bermuda, flokk b’logo iswed u slipper l-istess.

Fuq skorta ta’ din l-evidenza kollha, li direttament tallaċċja lill-imputat bħala l-aggressur, din l-imputazzjoni ġiet ippruvata.

**Is-sitt imputazzjoni**

Dorotea Cuschieri, anzjana, tgid li kienet miexja fl-isqaq fejn toqgħod f’Ħal Għaxaq bix-xirja fil-maltemp u kif waslet fil-kantuniera mar fuqha persuna maskili li beda jsemmilha fuq xi persuni li joqgħodu fil-viċin jekk tafhomx u ħatfilha l-ġiżirana li kellha ma’ għonqha u taha daqqa ta’ ponn f’wiċċha. Hija indikat lill-imputat bħala l-persuna li jixbah lill-aggressur tagħha.

Il-Kuntistabbli 1158 Christopher Saliba qal li fit-8 ta' Ottubru 2018 huwa rċieva rapport mingħand Dorotea Cuschieri li kienet ġiet derubata ġiżirana. Din il-persuna kienet liebsa beritta u jeans blu u flokk isfar jew aħdar.

Is-Surġent Kevin Curmi jgħid li huwa eleva filmati tas-CCTV ġewwa r-residenza fl-istess triq fejn seħħet din is-serqa u dawn jaqbdu lill-anzjana miexja u dieħla l-isqaq u sekondi wara tidħol persuna miexja warajha liebsa bermuda tal-jeans u flok lewn mustard. Wara ftit il-camera taqbad lil din il-persuna toħroġ u tiġri u wara toħroġ l-anzjana. Curmi jikkonferma li l-ħwejjeġ indikati instabu fis-search li seħħet fid-dar fejn joqgħod l-imputat datata 13 ta' Ottubu 2018 u eżebiti.

Fuq skorta ta' din l-evidenza kollha, li direttament tallaċċja lill-imputat bħala l-aggressur, din l-imputazzjoni ġiet ippruvata bin-nuqqas tal-valur stante li l-vittma ma tatx valur ta' l-oġġett misruq lilha.

**Is-seba' imputazzjoni**

Maria Elena Lughermo, anzjana, tgħid li fit-8 ta' Ottubru 2018 għall-ħabta tat-9:15am kienet fuq bankina fi Triq Santa Marija, Ħal Tarxin, u filwaqt li qegħda titkellem ma' persuna oħra, ġie raġel minn faċċata li beda jħares lejha u kif asal ħdejha ġibed il-ġiżirana minn fuq għonqha u telaq jiġri biha. Kien liebes flokk u bermuda griżi u għarrfet lill-imputat fil-Qorti.

Is-Surġent Curmi jgħid li huwa ġie infurmat bir-rapport tat-8 ta' Ottubru 2018 filgħodu u huwa eleva l-filmati ta' St. Mary Street Tarxien u l-camera taqbad lill-aggressur miexi lejn il-vittma u jisraqaha huwa kien liebes slipper iswed bil-qiegħ abjad, shorts u flokk griżi skond id-deskrizzjoni li tat l-istess vittma. Ftit qabel is-serqa jidher l-imputat Tony Zammit dieħel iċ-Ċentru tad-Detox il-Pieta'  u kien liebes l-istess ħwejjeġ indikati mill-vittma fis-serqa li saret siegħa wara. L-istess ħwejjeġ u żarbun jinsabu eżebiti fl-atti proċesswali li kien inġabru mill-pulizija fis-search li kienet saret fir-resirenza ta' l-imputat.

Fuq skorta ta' din l-evidenza kollha, li direttament tallaċċja lill-imputat bħala l-aggressur, din l-imputazzjoni ġiet ippruvata bin-nuqqas tal-valur stante li l-vittma ma tatx valur ta' l-oġġett misruq lilha.

**It-tmien imputazzjoni**

Mary Callus, anzjana, tixhed li hija kienet miexja minn Triq San Ġorġ Hal-Luqa meta għall-ħabta tat-8:15am avviċinaha raġel, ħatfilha l-ġiżirana li kellha ma' għonqha u kien liebes qalziet iswed, flokk griż, beritta sewda u xehdet ukoll oħtha Rita Buhagiar li qalet li hi u oħtha l-oħra Josephine Cassar marru jiġru warajh. Il-vittma għarrfet lill-imputat fl-awla. Rita Buhagiar, xhud okulari ukoll għarrfet lill-imputat bħala l-aggressur ta' oħtha dak in-nhar. Hi tgħid li din il-ġiżirana kienet tiswa' meta xtratha mitejn u ħamsin Lira Maltin (Lm250).

Illi jirriżulta li mill-filmat tas-CCTV camera fl-inħawi tas-serqa u l-fotogrammi relattvi, l-aggressur kien liebes flokk griż bil-logo *California Los Angeles* miktub bl-abjad u qalziet iswed u żarbun iswed bil-qiegħ abjad. Dawn il-ħwejjeġ jaqblu perfettament mal-ħwejjeġ li ġew elevati mill-Pulizija minn ġor-residenza ta' l-imputat u li iddeskrivew ix-xhieda Mary Callus u Rita Buhagiar

Għalhekk il-Qorti tqis din l-imputazzjoni bħala ippruvata.

**Id-disa' imputazzjoni**

Mary Cassar, anzajana, tgħid li dwar is-serq tal-ġiżirana tagħha b'salib antik, inħataf minn raġel li kien ġej minn faċċata tagħha, spjegat li kien liebes qalziet ċar u qmis ta' lewn aħdar, ħabat magħha u ħataf parti mill-ġiżiriana għaliex il-parti l-oħra baqgħet ma' għonqha.

Is-Surġent Curmi jixhed li wara li ra l-filmat fis-sistema tas-CCTV cameras tal-Bank of Valletta fir-Raħal ġdid tidher persuna liebsa qalżiet iswed u flokk griż minn quddiem il-Knisja. Wara siegħa, huwa ġie infurmat li seħħet serqa simili fi Triq San Ġorġ Luqa u meta ra l-filmati ta' din is-serqa seta' jinnota li l-istess persuna kien liebes l-istess ħwejjeġ ta' siegħa qabel. IL-vettura li kienet qegħda tintuża kienet dik ta' lewn griża msemmija aktar qabel. Huwa jgħid ukoll li meta saret is-search fir-residenza ta' l-imputat huwa eleva ħafna ħwejjeġ relatati ma' din is-serqa.

Hawnhekk l-informazzjoni dwar id-deskrizzjoni ta' x'kien liebes l-aggressur tvarja ftit, għaliex is-Surġent Curmi jonnota qalziet iswed u flokk griż u l-vittma tgħid qalziet ċar u

qmis ta' lewn aħdar. Fin-nuqqas ta' identifikazzjoni ta' l-aggressur min-naħa tas-Surġent Curmi mill-filmati jew tal-vittma fil-Qorti, l-Qorti ma tistax tasal għall-konjlużjoni li kien l-imputat odjern li wettaq din is-serqa mingħajr kull dubju dettat mir-raġuni.

Għalhekk din l-imputazzjoni ma ġietx ippruvata.

**L-għaxar imputazzjoni**

Kwantu jirrigwarda din l-imputazzjoni u cioe' r-reċidiva, din il-Qorti jirriżultawlha diversi sentenzi;

- Sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta datata 5 ta' Ġunju 2012 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Tony Zammit* esebita mill-prosekuzzjoni, bl-istess konnotati ta' l-imputat fejn fiha huwa kien ingħata seba' (7) snin priġunerija effettiva;
- Sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta datata 28 ta' Novembru 2008 fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Tony Zammit u Darren Brincat*, bl-istess konnotati ta' l-imputat fejn fiha huwa kien ingħata sentejn priġunerija;

Il-Qorti tirrileva li kwantu għar-reċidiva, din tirriżulta, iżda biss kwantu jirrigwarda l-Artikoli 49 u 289 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena**

Harsa lejn il-fedina penali ta' l-imputat jirriżulta li l-imputat għex ħajja kriminali u għandu karattru referettarju u qatt ma prova jibbenefika mill-opportunitajiet mogħtija lilu biex jipprova jirriforma ruħħu u jgħix ħajja onesta. Jirriżulta li huwa għandu l-vizzju tad-droga, vizzju li kemm ilu residenti fil-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin wera l-interess li huwa jipprova jegħleb.

F'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tħoss li primarjament l-imputat għandu jibgħata piena ta' priġunerija effettiva għall-fatt illi dawn ir-reati seħħew fuq persuni anzjani altament vulnerabbli, u għalhekk l-imputat għandu jħallas ta' dak illi għamel, u kif ikun qiegħed jiskonta s-sentenza tiegħu ikun idoneju li japprofitta mis-sitwazzjoni tan-nuqqas ta' liberta' biex jegħleb il-vizzju ikrah ta' l-abbuż tad-droga, li qed iwasslu biex jikkommetti dawn it-tip ta' reati bla kuxjenza.

**Decide:**

**Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti ma ssibx ħati lill-imputat Tony Zammit tat-tieni (2) u d-disa' (9) imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu u minnhom tilliberah u wara li rat l-Artikoli 261(ċ), 267, 279, 257D, 49, 289, 284, 285, 257F(4), 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat Tony Zammit ħati ta' l-ewwel (1), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-ħames (5), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8), u l-għaxar (10) imputazzjonijiet fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal tnejn u tletin (32) xahar priġunerija effettiva li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel bħala arrest preventiv.**

**Ai fini ta' l-Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* ossia l-vettura Nissan Sunny bin-numru ta' reġistrazzjoni BAO-052 esebita formalment fl-atti bħala Dok FF7.**

**Ai fini ta' l-Artikolu 412 D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront ta' Tony Zammit biex jingħata t-Trattament biex jegħleb il-vizzju tad-droga u dan għal perjodu ta' tlett (3) snin mil-lum.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lil Tony Zammit biex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma komplessiva ta' elfejn erba' mija u ħmistax-il Ewro u tlieta u tmenin ċentezmu (€2415.83) rappreżentanti l-ispejjeż relatati mal-ħatra ta' esperti f'din il-kawża.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 257D(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lil Tony Zammit iħallas lil Maria Abela s-somma ta' mitejn u ħamsin Ewro (€250), lil Mary Callus is-somma ta' ħames mija u tmenin Ewro (€580), lil Georgia Micallef is-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) u lil Doroles Ciantar, Beatrice Fenech, Dorotea Cuschieri u Maria Elena Lughermo s-somma ta' mitt Ewro (€100) kull waħda, bħala kumpens għad-danni sofferti minnhom u fin-nuqqas ta' ħlas kif ordnat, din l-ordni tkun tikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**

**Magistrat**

**Deputat Registratur**